



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**A8-0083/2019**

22.2.2019

**\*\*\***

## **RAKKOMANDAZZJONI**

dwar id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija  
Volontarju bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam dwar  
l-infurzar tal-liġi, it-tmexxija u l-kummerċ fis-settur forestali  
(10861/2018 – C8-0445/2018 – 2018/0272(NLE))

Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

Rapporteur: Heidi Hautala

***Tifsira tas-simboli użati***

- \* Proċedura ta' konsultazzjoni
- \*\*\* Proċedura ta' approvazzjoni
- \*\*\*I Proċedura leġislattiva ordinarja (1-ewwel qari)
- \*\*\*II Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tieni qari)
- \*\*\*III Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

## WERREJ

### Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....	5
NOTA SPJEGATTIVA .....	6
ANNEX: LISTA TA' ENTITAJIET JEW PERSUNI LI MINGĦANDHOM IR- RAPPORTEUR IRĊEVET KONTRIBUT .....	10
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP .....	12
PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI .....	15
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	16



## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarju bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam dwar l-infurzar tal-liġi, it-tmexxija u l-kummerċ fis-settur forestali (10861/2018 – C8-0445/2018 – 2018/0272(NLE))**

### (Approvazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarju bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam dwar l-infurzar tal-liġi, it-tmexxija u l-kummerċ fis-settur forestali (10861/2018),
  - wara li kkunsidra l-abbozz ta' Ftehim ta' Sħubija Volontarju bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam dwar l-infurzar tal-liġi, it-tmexxija u l-kummerċ fis-settur forestali (10877/2018),
  - wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni preżentata mill-Kunsill skont l-ewwel subparagrafi tal-Artikolu 207(3) u (4), flimkien mal-punt (a)(v) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(6) u tal-Artikolu 218(7) tiegħu, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C8-0445/2018),
  - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni mhux leġiżlattiva tiegħu ta'...<sup>1</sup> dwar l-abbozz ta' deċiżjoni,
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 99(1) u (4) u l-Artikolu 108(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp (A8-0083/2019),
1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;
  2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam.

---

<sup>1</sup> Testi Adottati ta' din id-data, P8\_TA(0000)0000.

## NOTA SPJEGATTIVA

### L-isfond

Il-Vjetnam sar it-tielet pajjiż fl-Asja li daħal f'negozjati għal Ftehim ta' Sħubija Volontarja fl-2010, wara l-Indoneżja u l-Malasja. In-negozjati ġew konklużi f'Mejju 2017 u l-ftehim ġie ffirmat fid-19 ta' Ottubru 2018. L-objettiv tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja, li jikkonforma mal-impenn konġunt tal-UE u l-Vjetnam rigward il-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, huwa li jiġi pprovdut qafas legali mmirat li jiżgura li l-importazzjonijiet kollha tal-injam u tal-prodotti tal-injam mill-Vjetnam lejn l-UE koperti mill-Ftehim ta' Sħubija Volontarja jkunu ġew prodotti legalment.

Il-Vjetnam huwa pajjiż importanti fil-kuntest tal-kummerċ tal-injam, peress li l-pajjiż għandu s-sitt l-akbar settur tal-ipproċessar tal-injam fid-dinja, orjentat lejn l-esportazzjoni. Huwa wkoll importatur ewlieni tal-injam u tal-prodotti tal-injam. Il-fabbriki tal-Vjetnam kkonsumaw madwar 34 miljun metru kubu ta' injam u ta' prodotti tal-injam fl-2017 li minnhom 25% kienu importati u 75% kienu minn pjantaġġuni domestiċi, li ħafna minnhom huma proprjetà ta' bdiewa żgħar u ġestiti minnhom. L-ikbar pajjiżi ta' oriġini għall-zkuk u għall-injam isserrat fl-2017 kienu l-Kamerun, l-Istati Uniti tal-Amerika u l-Kambodja. L-importazzjonijiet kibru fil-valur b'68 % matul il-perjodu 2011-17. Bħala ċentru ta' pproċessar, il-Vjetnam huwa esportatur ewlieni ta' prodotti tal-injam lejn l-UE iżda anke lejn ir-reġjun kollu, b'mod partikolari ċ-Ċina.

Il-Vjetnam kien iffaċċjat bl-isfida importanti li jindirizza l-kummerċ illegali tal-injam fis-snin preċedenti mil-Laos sal-infurzar effettiv ta' projbizzjoni fuq l-esportazzjoni, u f'dawn l-aħħar snin għal darb' oħra mill-Kambodja. Sa mill-2015, il-Kambodja kienet it-tieni l-akbar fornitur ta' injam tropikali tal-Vjetnam, minkejja l-projbizzjoni msemmija<sup>1</sup> ta' esportazzjonijiet lejn il-Vjetnam; Iż-żewġ pajjiżi għandhom responsabbiltà kondiviża fit-tisħiħ ta' dan il-kummerċ illegali, peress li l-awtoritajiet Vjetnamiżi, b'mod partikolari fil-livell provinċjali, ħadu deċiżjonijiet formali li ma jirrispettawx il-leġiżlazzjoni tal-pajjiż ta' oriġini, bħal pereżempju l-amministrazzjoni ta' kwoti ta' importazzjoni formali.

### Il-Ftehim ta' Sħubija Volontarja: il-proċess kollu jinbeda darba li jiġi ratifikat

Skont il-Ftehim ta' Sħubija Volontarja, pajjiż jimpenja ruħu li jstabilixxi politika li jkollha l-għam li tiżgura li l-ebda injam illegali ma jiġi esportat lejn pajjiżi terzi, u b'mod partikolari lejn l-UE<sup>2</sup>. Għalhekk, l-iffirmar tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja huwa l-bidu ta' proċess twil li matulu l-Vjetnam se jkollu jadotta sett sħiħ ta' leġiżlazzjoni (l-hekk imsejħa Sistema ta' Verifika tal-Legalità tal-Injam - TLAS) u jstabilixxi l-istrutturi amministrattivi u l-kapaċità meħtieġa sabiex jimplementa u jinforza l-impenji tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja tiegħu. Il-Ftehim ta' Sħubija Volontarja għalhekk se jikkontribwixxi biex is-settur tal-injam tal-Vjetnam jiġi riformat b'mod fundamentali. Bħala ċentru tal-ipproċessar, huwa kruċjali li l-Vjetnam

<sup>1</sup> <https://www.phnompenhpost.com/national/despite-ban-timber-exports-vietnam-nearing-2016-total>

<sup>2</sup> Il-Ftehim ta' Sħubija Volontarja jkopri l-prodotti ewlenin kollha esportati lejn l-UE, b'mod partikolari l-ħames prodotti tal-injam obligatorji kif definiti fir-Regolament FLEGT tal-2005 (zkuk, injam isserrat, traversi ferrovarji, plywood u fuljetta) u jinkludi wkoll għadd ta' prodotti oħra tal-injam bħall-partiċelli taċ-ċippa tal-injam, kisi tal-art bil-parkè, bord tal-injam mill-frak u għamara tal-injam. Il-Ftehim jkopri l-esportazzjonijiet lejn il-pajjiżi terzi kollha għalkemm, tal-inqas għall-ewwel, l-iskema ta' liċenzjar tapplika biss għall-esportazzjonijiet tal-UE.

jadotta wkoll leġiżlazzjoni li tiżgura li l-injam maqtuġh legalment biss jiġi importat fis-suq tiegħu. Il-Vjetnam impenja ruħu li jadotta tali leġiżlazzjoni dwar il-kontroll fuq l-importazzjoni u dan huwa ċertament huwa wieħed mill-kisbiet ewlenin tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja.

Ir-rapporteur huwa tal-fehma li l-leġiżlazzjoni dwar l-importazzjoni tal-Vjetnam għandha rwol ċentrali fl-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarju kollu. Il-Vjetnam diġà impenja ruħu li jinkludi obbligi ta' diliġenza dovuta għall-importaturi tal-injam u ta' prodotti tal-injam, għalhekk l-għan hawnhekk huwa li jiġi żgurat li l-leġiżlazzjoni Vjetnamiża tkun ekwivalenti għar-Regolament tal-UE dwar l-Injam (EUTR) kemm jista' jkun, b'mod partikolari billi jiġu pprovduti rekwiżiti ta' diliġenza dovuta ekwivalenti. Barra minn hekk, huwa importanti li wieħed jinnota li l-Vjetnam intrabat ukoll li jirrikonoxxi l-liġijiet tal-pajjiż tal-ħsad bħala parti mid-definizzjoni ta' legalità skont it-TLAS. Madankollu, il-Vjetnam, għalissa, ma kkunsidrax l-inklużjoni ta' projbizzjoni sħiħa tal-injam illegali milli jidħol fis-suq Vjetnamiż, li jkun jinvolve obbligu ta' ħtif ta' dan l-injam illegali.

Huwa biss wara li l-Vjetnam ikun implimenta bis-sħiħ l-impenji kollha tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja<sup>1</sup>, li se jkun jista' jaċċedi għall-iskema ta' liċenzjar FLEGT tal-UE. Dan ikun pass ewlieni ukoll f'termini ta' aċċess għas-suq tal-UE, peress li l-injam importat taħt liċenzja FLEGT huwa preżunt li huwa legali skont l-EUTR. L-adeżjoni għal-liċenzjar FLEGT hija mira fit-tul, billi l-Vjetnam se jkollu jiżgura l-implimentazzjoni sħiħa tal-impenji tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja u jagħti prova tal-kapaċità li jinforza l-leġiżlazzjoni nazzjonali relatata. Peress li l-adeżjoni tal-Vjetnam mal-iskema ta' liċenzjar FLEGT hija approvata permezz ta' proċedura ta' att delegat, il-Parlament Ewropew se jkollu r-responsabbiltà li jivvaluta b'attenzjoni jekk l-impenji u r-rekwiżiti tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja ġewx issodisfati. Ir-rapporteur hija tal-fehma li r-riżoluzzjoni li takkumpanjaha għar-rakkomandazzjoni ta' approvazzjoni tipprowdi l-opportunità li jiġu ċċarati l-parametri ta' referenza biex jiġi vvalutat jekk il-Vjetnam fil-futur hux se jkun lest biex jissieħeb fl-iskema ta' liċenzjar FLEGT tal-UE.

### **Ir-relazzjoni bejn il-Ftehim ta' Sħubija Volontarja u l-EVFTA**

Il-Ftehim ta' Sħubija Volontarja u l-EVFTA sa issa qdew rwol ta' appoġġ reċiproku. Dawn iż-żewġ ftehimiet jikkoinċidu fil-Kapitolu dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja, li jinkludi dispożizzjonijiet dwar il-ġestjoni sostenibbli tal-foresti u l-kummerċ fi prodotti forestali u li b'mod espliċitu jirreferi għall-Ftehim ta' Sħubija Volontarja<sup>2</sup>. Mad-dħul fis-seħħ l-EVFTA se jilliberalizza l-kummerċ fi prodotti tal-injam tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja. Dawk l-importazzjonijiet se jkunu koperti mill-obbligi ta' diliġenza dovuta tal-EUTR sal-bidu tal-liċenzjar FLEGT. Barra minn hekk, il-Vjetnam bħalissa mhux meqjus pajjiż b'riskju kbir fir-rigward tal-importazzjonijiet lejn l-UE. Madankollu, hemm bżonn li titkompla s-sorveljanza tal-evoluzzjoni tal-kummerċ bilaterali tal-injam, inkluż fil-qafas tal-Kapitolu dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja, sabiex jiġi żgurat li l-liberalizzazzjoni addizzjonali ma tinvolvi riskji addizzjonali.

<sup>1</sup> Id-disponibbiltà tas-sistema TLAS għal-liċenzjar FLEGT l-ewwel se tiġi vvalutata b'mod konġunt mill-UE u l-Vjetnam. Huwa biss meta ż-żewġ partijiet jaqblu li s-sistema hija b'saħħitha biżżejjed li l-liċenzjar ikun jista' jibda.

<sup>2</sup> L-Artikolu 13.8, paragrafu 2(a): [kull Parti għandha] thegħeġ il-promozzjoni tal-kummerċ tal-prodotti forestali minn foresti ġestiti b'mod sostenibbli u maħsuda skont il-leġiżlazzjoni domestika fil-pajjiż tal-ħsad; dan jista' jinkludi l-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija Volontarju dwar l-Infurzar tal-Liġi tal-Foresta, Governanza u Kummerċ (« FLEGT »).

Bħala konklużjoni, ir-Rapporteur tissuġġerixxi li r-riżoluzzjoni li takkumpanjaha r-rakkomandazzjoni ta' approvazzjoni għandha tiffoka fuq il-punti ta' referenza għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja:

- Il-Vjetnam se jkollu jadotta leġislazzjoni dwar l-importazzjoni li tipprovdi obbligi sodi ta' diliġenza dovuta. Din id-diliġenza dovuta, ma għandhiex titnaqqas għal sempliċi eżerċizzju ta' konformità burokratika, iżda għandha tinkludi l-passi kollha meħtieġa ta' diliġenza dovuta bħall-valutazzjoni u l-mitigazzjoni tar-riskju. Barra minn hekk, din ma għandhiex biss tkun sempliċi kopja mill-EUTR, iżda għandha tkun mqabbla ma' struttura istituzzjonali adegwata sabiex jiġi żgurat infurzar adegwat.
- Il-leġislazzjoni dwar l-importazzjoni tal-Vjetnam għandha tipprovdi għal projbizzjoni li jitqiegħed injam illegali fis-suq, addizzjonalment għall-obbligu ta' diliġenza dovuta. Dan għandu jippermetti wkoll il-possibbiltà li jinhatat l-injam illegali li jkun għadda mid-dwana.
- It-TLAS m'għandhiex tiġi applikata biss fuq karta iżda għandha tiġi infurzata wkoll. Dan se jimplika riformi fl-awtoritajiet pubbliċi responsabbli, kif ukoll l-allokazzjoni ta' riżorsi adegwati. L-infurzar huwa essenzjali biex jiġi żgurat li l-Ftehim ta' Sħubija Volontarja ma jintużax għall-"ħasil" tal-injam illegali.
- Il-Vjetnam għandu jaqbel ma' Pjan ta' Azzjoni għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja, sabiex iżomm il-livell għoli ta' impenn u jinkludi azzjonijiet li għandhom jittieħdu biex jiġu indirizzati l-importazzjonijiet illegali tal-injam qabel ma t-TLAS issir operattiva.
- Il-Vjetnam għandu jikkunsidra li jespandi l-iskema ta' liċenzjar tal-esportazzjoni futura tiegħu għall-pajjiżi terzi kollha, u mhux biss għall-UE.
- Il-Vjetnam għandu jaħdem biex iwaqqaf il-korruzzjoni mifruxa b'mod partikolari fir-rigward tal-awtoritajiet doganali, li jinsabu f'pożizzjoni ta' tmexxija fl-implimentazzjoni u fl-infurzar tal-politika u tal-għodod tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja. Il-Vjetnam għandu jinvestiga, ineħħi mill-funzjoni u jressaq quddiem il-ġustizzja lil dawk li kienu responsabbli għall-awtorizzazzjoni u l-ġestjoni tal-kummerċ illegali fil-passat.
- Il-flussi illegali tal-injam kollha fuq il-fruntiera tal-Kambodja għandhom jieqfu. Għalhekk, l-injam mill-Kambodja għandu jitqies bħala ta' riskju għoli fil-leġislazzjoni tal-Vjetnam. Għandha titqies ukoll il-possibbiltà li l-importazzjonijiet mill-Kambodja jitwaqqfu għal kollox. Id-djalogu bejn iż-żewġ pajjiżi għandu jiġi mtejjeb.
- Il-Kummissjoni għandha żżomm il-pessjoni fuq il-pajjiżi importaturi l-kbar fir-reġjun bħaċ-Ċina u l-Ġappun. Dan il-Ftehim ta' Sħubija Volontarja għandu dimensjoni reġjonali importanti ħafna u għandu l-potenzjal li jiġġenera riperkussjonijiet pożittivi għal importaturi ewlenin oħra. Madankollu, il-Kummissjoni għandha tipprijoritizza aktar il-kummerċ illegali tal-injam fir-relazzjonijiet bilaterali ma' dawk il-pajjiżi.
- L-eżerċizzju tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja s'issa kien eżempju pożittiv mingħajr preċedent tal-involvement tas-soċjetà ċivili fil-Vjetnam. Dan għandu jkompli u l-Vjetnam għandu jżomm kelmtu li jinvolvi lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (OSC) fl-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja. L-involvement tal-OSC



huwa pilastru importanti tas-sistema ta' governanza tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja.

**ANNEX: LISTA TA' ENTITAJIET JEW PERSUNI  
LI MINGĦANDHOM IR-RAPPORTEUR IRĊEVJET KONTRIBUT**

Il-lista li ġejja hija mfassla fuq bażi purament volontarja taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur. Ir-rapporteur irċeviet informazzjoni mill-entitajiet jew mill-persuni li ġejjin fi tnejn għall-Abbozz ta' Riżoluzzjoni Leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarju bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam dwar l-infurzar tal-liġi, it-tmexxija u l-kummerċ fis-settur forestali.

<b>Entità u/jew persuna</b>	
Faith Doherty, Jago Wadley	Environmental Investigation Agency (Aġenzija tal-Investigazzjoni Ambjentali), EIA
Edwin Shanks	European Forest Institute (Istitut Ewropew tal-Foresti), EFI
Ir-Rappreżentanti	Handicraft and Wood industry association of Ho Chi Minh City, HAWA (Assoċjazzjoni tal-industrija tal-artiġjanat u tal-injam ta' Ho Chi Minh City, Hawa)
Perrine Fournier	FERN
Jo Blackman	Global Witness (Xhud Globali)
Is-Sur Nguyen Xuan Phuc Vjetnam, Prim Ministru	Il-Gvern tal-Vjetnam
Is-Sur Nguyen Xuan Cuong, Ministru għall-Iżvilupp Agrikolu u Rurali	Il-Gvern tal-Vjetnam
Is-Sur Hà Công Tuấn, Aġent Ministru għall-Iżvilupp Agrikolu u Rurali	Il-Gvern tal-Vjetnam
Is-Sa Nguyen Thi Kim Ngan, President tal-Assemblea Nazzjonali	Il-Parlament tal-Vjetnam
L-awtoritajiet provinċjali, id-dwana, il-pulizija, il-kontroll tal-fruntieri, u t-tmexxija tal-provinċja	Il-provinċja ta' Gia Lai, fil-Vjetnam
Ir-Rappreżentanti	Centre for Education and Development (Ċentru għall-Edukazzjoni u l-Iżvilupp) – CED, Vietnam (NGO)
Ir-Rappreżentanti	Centre for Sustainable Rural Development (Ċentru għall-Iżvilupp Rurali Sostenibbli) (SRD), Vjetnam (NGO)
Ir-Rappreżentanti	Pan Nature, Vjetnam (NGO)
Ir-Rappreżentanti	World Wildlife Fund, WWF, Vietnam
Is-Sur Say Sam Al, Ministru għall-Ambjent	Il-Gvern tal-Kambodja
Is-Sur Veng Sakhon, Ministru għall-Agrikoltura, il-Forestrija u s-Sajd	Il-Gvern tal-Kambodja
Is-Sur Sak Setha, Segretarju tal-Istat tal-Ministeru tal-Intern	Il-Gvern tal-Kambodja
Rappreżentant	Wildlife Conservation Society (Soċjetà tal-konservazzjoni tal-flora u fawna selvaġġi) WCS, il-Kambodja
Rappreżentant	World Wildlife Fund, WWF, il-Kambodja

Ir-Rappreżentanti	Prey Lang Community Network, (Netwerk Komunitarju Prey Lang), il-Kambodja
Markus Hardtke	Forest Crime (Kriminalità Forestali)
Gordana Topic	Il-Kummissjoni Ewropea
Hugo-Maria Schally	Il-Kummissjoni Ewropea
Astrid Schomaker	Il-Kummissjoni Ewropea
L-Ambaxxatur Bruno Angelet	SEAE, Delegazzjoni tal-UE f'Hanoi
L-Ambaxxatur George Edgar	SEAE, Delegazzjoni tal-UE fi Phnom Penh
L-Ambaxxatur Kari Kahiluoto	Ambaxxata tal-Finlandja f'Hanoi
Ir-Rappreżentanti	Ambaxxata tal-Ġermanja f'Hanoi

25.1.2019

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP

għall-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarju bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam dwar l-infurzar tal-liġi, it-tmexxija u l-kummerċ fis-settur forestali (10861/2018 – C8-0445/2018 – 2018/0272(NLE))

Rapporteur għal opinjoni: Jan Zahradil

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jirrakkomanda lill-Parlament l-approvazzjoni tal-proposta għal abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarju bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam dwar l-infurzar tal-liġi, it-tmexxija u l-kummerċ fis-settur forestali.

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

<b>Titolu</b>	Ftehim ta' Sħubija Volontarju bejn l-UE u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam dwar l-infurzar tal-liġi, it-tmexxija u l-kummerċ fis-settur forestali
<b>Referenzi</b>	10861/2018 – C8-0445/2018 – COM(2018)0515 – 2018/0272(NLE)
<b>Kumitat responsabbli</b>	INTA
<b>Opinjoni mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	DEVE 25.10.2018
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Jan Zahradil 16.11.2018
<b>Eżami fil-kumitat</b>	20.11.2018
<b>Data tal-adozzjoni</b>	22.1.2019
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 20 -: 1 0: 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Mireille D'Ornano, Doru-Claudian Frunzuličă, Enrique Guerrero Salom, Maria Heubuch, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Linda McAvan, Norbert Neuser, Vincent Peillon, Lola Sánchez Caldentey, Elly Schlein, Bogusław Sonik, Eleni Theocharous, Anna Záborská, Joachim Zeller, Željana Zovko
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Marina Albiol Guzmán, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Frank Engel, Stefan Geibold, Maria Noichl, Judith Sargentini

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB  
JAGĦTI OPINJONI**

<b>20</b>	<b>+</b>
ECR	Eleni Theoharous
GUE/NGL	Marina Albiol Guzmán, Lola Sánchez Caldentey
PPE	Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Frank Engel, Stefan Gehrold, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Bogusław Sonik, Anna Záborská, Joachim Zeller, Željana Zovko
S&D	Doru-Claudian Frunzulică, Enrique Guerrero Salom, Linda McAvan, Norbert Neuser, Maria Noichl, Vincent Peillon, Elly Schlein
VERTS/ALE	Maria Heubuch, Judith Sargentini

<b>1</b>	<b>-</b>
EFDD	Mireille D'Ornano

<b>0</b>	<b>0</b>

It-tifsira tas-simboli:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

<b>Titolu</b>	Ftehim ta' Sħubija Volontarju bejn l-UE u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam dwar l-infurzar tal-liġi, it-tmexxija u l-kummerċ fis-settur forestali	
<b>Referenzi</b>	10861/2018 – C8-0445/2018 – COM(2018)0515 – 2018/0272(NLE)	
<b>Data tal-konsultazzjoni / talba għal approvazzjoni</b>	19.10.2018	
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	INTA 25.10.2018	
<b>Kumitati mitluba jagħtu opinjoni</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	DEVE 25.10.2018	
<b>Rapporteurs</b> Data tal-ħatra	Heidi Hautala 29.8.2018	
<b>Eżami fil-kumitat</b>	20.11.2018	23.1.2019
<b>Data tal-adozzjoni</b>	19.2.2019	
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 37 –: 0 0: 0	
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Laima Liucija Andrikenė, Maria Arena, Tiziana Beghin, Daniel Caspary, Santiago Fisas Aixelà, Christofer Fjellner, Karoline Graswander-Hainz, Heidi Hautala, Nadja Hirsch, France Jamet, Jude Kirton-Darling, Patricia Lalonde, Bernd Lange, David Martin, Emma McClarkin, Anne-Marie Mineur, Sorin Moisă, Inmaculada Rodríguez-Piñero Fernández, Kārlis Šadurskis, Marietje Schaake, Helmut Scholz, Joachim Schuster	
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Klaus Buchner, Ramona Nicole Mănescu, Georg Mayer, Ralph Packet, Bolesław G. Piecha, Fernando Ruas, Lola Sánchez Caldentey	
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Georges Bach, Malin Björk, Ramón Jáuregui Atondo, Bernd Kölmel, Julia Pitera, Wim van de Camp, Mirja Vehkaperä, Marco Zanni	
<b>Data tat-tressiq</b>	22.2.2019	

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

<b>37</b>	<b>+</b>
ALDE	Nadja Hirsch, Patricia Lalonde, Marietje Schaake, Mirja Vehkaperä
ECR	Bernd Kölmel, Emma McClarkin, Ralph Packet, Bolesław G. Piecha
EFDD	Tiziana Beghin
ENF	France Jamet, Georg Mayer, Marco Zanni
GUE/NGL	Malin Björk, Anne-Marie Mineur, Lola Sánchez Caldentey, Helmut Scholz
PPE	Laima Liucija Andrikienė, Georges Bach, Wim van de Camp, Daniel Caspary, Santiago Fisas Ayxelà, Christofer Fjellner, Ramona Nicole Mănescu, Sorin Moisă, Julia Pitera, Fernando Ruas, Kārlis Šadurskis
S&D	Maria Arena, Karoline Graswander-Hainz, Ramón Jáuregui Atondo, Jude Kirton-Darling, Bernd Lange, David Martin, Inmaculada Rodríguez-Piñero Fernández, Joachim Schuster
VERTS/ALE	Klaus Buchner, Heidi Hautala

<b>0</b>	<b>-</b>

<b>0</b>	<b>0</b>

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni